Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TMIENJA u TLETIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 19 ta' Frar 2014

**Ħin:** Mill-5.30pm sas-7.40pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Stephen Gatt
Is- Sur Andrew Zammit Montebello (Ambaxxatur)

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-seba' u tletin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 5 ta' Frar 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Guido Borg, li kien issekondat mis-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fuq il-kwistjoni tal-*One way'* fi Triq Sisner, huwa ser jiltaqa' mal-perit tal-Kunsill fejn ser jitlesta *Safety Assessment Report/Traffic Management* min naħa tiegħu u tiġi sottomessa lil Transport Malta għal kunsiderazzjoni tagħhom u approvata.

Is- Sindku fuq interpellanza tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li bħala stat ta' fatt Triq Sisner ma tistax tibqa' two way u jidher li hemm qbil bejn kulħadd inkluż ir-residenti ta' Ħal Balzan. Min liema naħa ser tiġi implimentata ser inħallu f'idejn in-nies tekniċi biex jippreparaw dan ir-rapport u tiġi evalwata u approvata minn Transport Malta.

Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ntbgħatet oġġezzjoni formali lill MEPA fuq il-kwistjoni tal-bankina li qed tiġi proposta fi Triq Mons FX Zahra (PA. 279/14).

## 3. Rapport Finanzjarju Annwali 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2013. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa (mehmuż). L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti.

Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku, is-Sur Joseph Galea li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt, il-Kunsill unanimament approva r-rapport finanzjarju Annwali għas-sena 2013. Ir-Rapport Finanzjarju Annwali 2013 ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett

## 4. Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur Ottubru sa Diċembru 2013

Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dawn id-dokumenti ser jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss għaliex kienu għadhom ma tlestewx.

## 5. Jum Ħal Balzan

Fuq proponiment tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara il-Kunsill iddeċieda li Jum Ħal Balzan isir fuq jumejn iġiefieri nhar it- 3 u 4 ta' Mejju. Huwa ta id-dettalji ta' programm ta'attivitajiet li qed jiġu proposti f'dawk il-ġranet.

F' dak li jirrigwarda Ġieħ Ħal Balzan, il-Kunsill ddeċieda li l-applikazzjonijiet jinfetħu u jagħlqu fl-aħħar ta' Marzu 2014. Il-Kunsill ser jara li l-kriterji ta' l-għażla ta' min ser jingħata dan il-premju jiġu reveduti biex b'hekk nevitaw li jkollna sitwazzjoni kif ġara s-sena l-oħra.

## 6. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru 3678**: Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq talba quddiem il-Kunsill tas- Sur John Pullicino biex jitneħħa mutur li qed jipparkja fuq il-pavimentar fejn qed jagħmel xi xogħol ta' tindif fuq l-art quddiem iz-żewġ knejjes. Il- Kunsill ser jipprova jkellem lill-individwu biex ma' jagħmilx dan aktar.

Huwa talab li jitwaħħlu xi qsari fuq dan il-pavimentar. Il-Kunsill approva li jinxtraw dawn il-qsari. Fir-rigward tal-bozzoz li jinsabu fl-art u mhux qed jixgħalu, huwa għandu jiġi nfurmat li dawn il-bozzoz ma jaqawx taħt il-Kunsill.

**Ittra Nru 3679** : Email mingħand d- Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn bgħat jinfurmana li fuq it-talba tagħna biex fir-rigward ta' post alternattiv għal uffiċċju tal-Kunsill nidħlu bi sħab ma' entatijiet ġodda u nidħlu f'proġett ta' PPP, huwa kien qed jitlob aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva ħalli jkun f'posizzjoni aħjar biex jiggwidana.

**Ittra Nru 3676/3677:** Ittri mingħand il-Kazin Banda San Gabriele fejn talbu lill-Kunsill biex ngħinuhom f'żewġ attivitajiet, waħda tal-Purcissjoni ta' Ħadd il-Palm fejn b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tittella din l-attivita', il-Kunsill appprova li jitħallsu is-servizzi ta' l-Iscouts. Ser issir attivita' oħra fid-29 ta' Marzu 2014 fl-okkazzjoni tal-Festa Liturġika ta' Marija Annunzjata fejn huma talbu lill-Kunsill biex jgħinhom f'dak li jirrigwarda permessi meħtieġa, jiġu pprovduti *b'rubbish bins* u *barriers* biex jingħalqu t-toroq f'dik il-ġurnata. Il-Kunsill approva li jgħin.

**Ittra Nru. 3680**: Email mingħand l-NAO fejn għarfuna li ser isir audit fuq il-proġett ERDF 205.

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 7. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku tkellem fuq il-pjanta ta' kostruzzjoni ta' rampa quddiem il-Kazin Banda San Gabriel fi Triq l-Annunzjata li tpoġġiet fuq il-mejda tal-kamra mill-Viċi Sindku Joe Galea f'isem il-Kunitat. Il-Kumitat tal-Banda qed jitlob lill-Kunsill għal *no objection* li din ssir fuq art pubblika.

Huwa kien qed jissuġerixxi, li bħala Kunsill ma għandux isib oġġezzjoni li din ir-rampa ssir fuq art pubblika min naħa tal-Kazin basta il-pjanti ikunu approvati mill-MEPA u l-Kunsill Nazzjonali għal-persuni b'Disabilita.

Fuq dan is-suġġett, sadanittant is- Sindku informa lill-Kunsill li irċevejna ittra datata 7 ta' Frar 2014 mis-Segretarjat Parlamentari għad- Drittijiet b'Diżabilita' u Anzjanita'Attiva fejn flimkien mas- Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali qed jittiednu lill-Kunsill biex jieħu sehem f'kompetizjoni annwali bi premju **A+ Accessibilty Award.**

Din il-kompetizzjoni għandha l-għan li tħeġġeġ Kunsilli Lokali biex jinvestu f'proġetti li jżiedu l-aċċessibilita' għall-persuni b'diżabilita' fil-belt jew raħal fejn jgħixu u din tista' ssir bi sħubija ma diversi entitajiet lokali bħal parroċċa, għaqdiet mhux governattivi u entitajiet lokali oħra. Min jiġi kklassifikat fl-ewwel , it-tieni u t-tielet post ser jingħata premju ta' € 25,000, € 15,000 u € 8000 rispettivament.

Għal dan il-għan huwa kien qed jissugerixxi li filwaqt li mhux responsabbli għal kwalunkwe inizjattiva li tittieħed mill-privat, biex nippruvaw intaffu xi ftit mill-ispejjez li ser ikollu l-Każin biex jimplimenta dan il-proġett għandna ngħinuhom biex tiġi sottomessa '*project brief*' tal-proġett propost mill-Kumitat tal-Banda liema proġett irid jiġi implimentat bejn l-1 ta' April u t- 30 ta' Ottubru 2014.

Il-Kunsill filwaqt li unanimament ma sabx oġġezzjoni li din ir-rampa issir, ġew inkarigati l-Viċi Sindku Joe Galea u l-Kunsillier Desmond Zammit Marmara biex jiltaqgħu mal-Kumitat tal-Banda u jiddiskutu fid-dettal l-inizjattiva tal-kompetizzjoni A+ Acessibility Award.

Sadanittant il-Kunsill talab lis- Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lura lis- Segretarju tal-Banda s- Sur Saviour Degura biex jinfurmaħ bin-*no objection* tal-Kunsill.

## 8. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Ma kien hemm ebda suġġerimenti xi jsiru f'din il-laqgħa.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 12 ta'Marzu 2014 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data